# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-27 ta' Marzu, 2019.**

**Rikors Numru 142/2018 SM**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

***Millenium Arrow Limited***
**(C 64154)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-20 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu l-Kummissarju rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu, 2010, tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u dazju;

1.2. Illi l-imsemmija Direttiva ddahlet fil-ligi Maltija permezz tal-Avviz Legali Numru 153 tal-2012 u saret operattiva mill-1 ta' Jannar, 2012;

1.3. Illi l-istess jippermettu lill-Ministru responsabbli biex jigbor taxxa dovuta fi Stati Membri ohra meta d-debitur ikun f'Malta;

1.4. Illi in vista tal-istess l-awtorita` kompetenti Taljana ghamlet talba ghall-assistenza lill-Kummissarju rikorrenti biex tigi irkuprata taxxa lilha dovuta;

1.5. Illi s-socjeta` intimata ghandha taghti l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u disghin euro u tnejn u tletin centezmu (€25,190.32), f'taxxa lill-awtorita` kompetenti Taljana, (ara foll 5 sa 16), *oltre* l-imghaxijiet dovuti;

1.6. Illi s-socjeta` intimata hi wahda registrata Malta u ghalhekk l-imsemmi dejn jitqies daqslikieku kien wiehed dovut lill-Gvern ta' Malta, (ara artiklu 9 tal-Avviz Legali fuq riferit);

1.7. Illi l-Kummissarju rikorrenti hu sodisfatt li gew imharsa r-rekwiziti kollha tal-imsemmija Direttiva;

1.8. Illi s-socjeta` intimata ghandha dritt ghal traduzzjoni tad-dokumenti f'wahda mill-lingwi ufficjali tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk gie allegat id-dokument immarkat Dok 'E', (ara foll 17);

1.9. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex din:

1.9.1. Tordna li kopja tar-rikors promotur u tad-dokumenti annessi jigu notifikati lis-socjeta` intimata skont il-ligi;

1.9.2. Tordna r-registrazzjoni tad-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur, (Dok 'A' sa 'D' foll 5 sa 16), bhala kopja ufficjali biex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu ezekuttiv;

2. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 22);

3. Rat in-nota datata l-25 ta' Settembru, 2018, li permezz taghha jirrizulta assodat li s-socjeta` intimata giet regolarment notifikata skont il-ligi, (ara foll 40 sa 45);

4. Semghet lill-abbli rapprezentant tal-Kummissarju rikorrenti jikkonferma l-istess talbiet fuq indikati bil-gurament, (ara foll 48);

5. Tirrileva li ghalkemm is-socjeta` intimata inghatat l-opportunita` tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet *ai termini* tal-artiklu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, xorta baqghet inadempjenti, (ara foll 47);

Ikkunsidrat:

6. Illi *stante* li jirrizulta assodat li t-talbiet tal-Kummissarju intimat gew debitament ipprovati bil-konferma bil-gurament tal-istess talbiet *seduta stante*, (ara foll 48);

7.0. Tiddikjara li l-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ghalhekk ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Tordna li kopja tar-rikors promotur u tad-dokumenti mieghu annessi jigu notifikati lis-socjeta` intimata skont il-ligi;

7.2. Tordna r-registrazzjoni tad-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur kif fuq indikat, u dan bhala kopja ufficjali biex b'hekk jikkostitwixxu titolu ezekuttiv;

7.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**